MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 699/2002/1

**Alfred u Consolata Camilleri**

**Vs**

**Dr Veronica W. Galea Debono konfermata b'digriet tat-23 ta' April 2002 bhala Kuratur Deputat biex tirrapprezenta lill-assenti Rainer Nootz u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2002 gie nominat Kuratur Deputat biex jirraprezenta lill-assenti Jakob Gunge**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm440 (erba` mija u erbghin Lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta ghal-fond 65 Middle Street, Siggiewi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu l-ammont ta' Lm440 lill-atturi rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta ghall-fond 65, Middle Street, Siggiewi kif ukoll danni ikkagunati fil-mobili ta' l-imsemmi fond u hlas ta' licenzja tat-televizjoni dovuta lil Public Broadcasting Services, ghat-televizjoni li kien jinsab f'dan il-fond.

Il-konvenuti huma ingunti biex jixhdu in subizzjoni.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Kuratur Deputat Dr. Veronica Galea Debono:-
1. Illi l-ammont tal-kera mitlub fl-Avviz mhux dovut mill-konvenut proprio Rainer Nootz assenti, u rapprezentant mill-eccipjenti Dr. Veronica W. Galea Debono nomine, imma se mai huwa dovut mill-konvenut l-iehor Jakob Gunge, billi jirreferi ghal perjodu meta l-fond de quo kien mikri lill-Gunge.
2. Illi meta Rainer Nootz kien jokkupa l-fond hu dejjem hallas il-kera dovuta u ghalhekk m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.
3. Illi Rainer Nootz qatt ma applika ghal xi licenzja tat-television, jew talab l-istallazzjoni ta' television fil-fond de quo minghand l-atturi.
4. Illi l-konvenut Rainer Nootz ma kkaguna l-ebda danni fil-mobbli fil-fond de quo waqt l-okkupazzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-Kuratur Deputat Dr. Leslie Cuschieri:-
1. L-esponent m'ghandux mezz kif jikkomunika mal-persuna li jirraprezenta u ghalhekk mhux edott mill-fatti.
2. Jirriserva li jecepixxi ulterjament.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi johrog lampanti xi nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, anke fl-istadju tar-relazzjoni kontrattwali bejniethom.

Rainer Nootz ghazel li jigi Malta sabiex jaghti d-deposizzjoni tieghu. Stqarr li ma kellu x' jaqsam xejn mal-

kirja bejn Jacob Gunge u l-atturi. Di fatti dana jirrizulta mix-xhieda prodotti u moghtija mill-attrici stess (vide kuntratt tal-lokazzjoni). Uza l-kont tieghu biex jittrasferixxi flus ta' Gunge lil konjugi Camilleri. Pero' it-trasferiment okkorra darbtejn erroneament da parti tal-Bank HSBC.

Rinfaccjata bix-xhieda u bid-dokumenti minnu esibiti ta' l-PL Jonathan de Maria l-attrici ma hi xejn konvincenti. Kien in kontro ezami li l-attur stqarr li s-somma ta' erba' mitt Lira (Lm400) giet ricevuta darbtejn. L-atturi irrifjutaw milli taw li jirrifondu.

Jirrizulta lit-Tribunal li l-atturi naqsu li jippruvaw il-pretensjonijiet taghhom sal-grad li trid il-ligi. Ma jimpustawx dak il-konvinciment sabiex it-talbiet taghhom jigu suffrogati. Mhux hekk biss, izda l-fatt tal-pagament doppju da parti tal-Bank ifisser li d-debiti ta' Gunge gie saldat. Id-differenza ta' erbghin Lira Maltin (Lm40) tigi pacuta bl-oggetti tieghu li baqghu ghand l-atturi.

Fil-konfront ta' Nootz jirrizulta li dan ma kellu l-ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi.

Fir-rigward ta' Gunge, jirrizulta li mhux debitur tal-atturi fl-ebda ammont.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------